(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjonijiet).

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State Schools, if and when the need arises:

School San Miguel Febres Cordero Special School, ANZAC Road, Pembroke
St Theresa Girls' Junior Lyceum, Mrieħel

2. The final order of merit, will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.46.8 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati.

9. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *casual cleaners*.

10. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola konċernata.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Ottubru, 2004.

12. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

13. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

9. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

10. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

11. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Friday, 22nd October, 2004.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

5th October, 2004

MEDICINES AUTHORITY

Applications for Registration of Qualified Persons (QPs)

Introduction

According to Art. 45-46 of the Medicines Act 2003, Art. 9-12 of Legal Notice 143/2004 of the same Act and Art. 48-52 of Directive 2001/83/EC, as amended by Directive 2004/27 EC, the holder of a manufacturer's licence must have permanently and continuously at his disposal a qualified person who is responsible:

a) either in the case of medicinal products manufactured, that each batch of medicinal products has been manufactured and checked in compliance with the laws in force and in accordance with the requirements of the marketing authorisation

or in the case of medicinal products imported from third countries that each batch imported in the EU member state has undergone, in an EU member state, a full qualitative and quantitative analysis of at least all the active constituents and all the other tests or checks necessary to ensure the quality of medicinal products in accordance with the requirements of the marketing authorisation (except for third countries that have a Mutual Recognition Agreement (MRA) with the EU/EEA ie currently Switzerland, Canada, New Zealand, Australia when a manufacturer's batch certificate may be accepted in place of testing within the EU).

b) for certifying that each batch satisfies the above provisions.

Detailed guidance on the responsibilities of the qualified person and in particular as regards to the relationship of various qualified persons located at different sites, which may be involved in the manufacturing process, is given in annex 16 of the EC GMP guide.

Grandfather QP provisions

A person who on 1st May 2004 and for a year thereafter, was carrying out the duties as a qualified person for a period of at least six months, shall be eligible to continue in those activities even though he does not fulfil the conditions set out under the permanent provisions, as long as such activities have been carried out to the satisfaction of the Authority.

The minimum requirements for a grandfather QP include:

• Formal qualifications awarded on completion of a university course or a course recognized as equivalent, in a scientific discipline allowing him to perform the duties of a QP

• At least 6 months experience in the production and quality control of medicines at middle or senior level

• An ability to demonstrate knowledge of different aspects of GMP and of the duties of a QP including release of imported products (Medicines Act 2003, Directives 2001/83/EC and 2003/94/EC, EU GMP Annex 16) during interview

• Understanding of pharmaceutical aspects of different products and dosage forms

Permanent QP provisions

Persons may also apply for QP status under the permanent provisions in line with the qualification requirements of the Medicines Act 2003 and Directive 2001/83 EC as amended by Directive 2004/27 EC. Such persons must have acquired practical experience over at least 2 years over a range of areas of manufacturing activity, in particular relevant to the proposed activities.

Importation

In the case of medicinal products imported from a third country, the testing facility carrying out the full qualitative and quantitative analysis can be located at different sites within the EU and subject to different competent authorities' supervision.

Authorisation of QPs

It is mandatory for a QP to be named on:

a) Manufacturer's licences

b) Partial manufacturing/assembly only (eg repackaging) licences

c) Importer's licence

QP status is granted once a person is nominated and accepted by the Medicines Authority obo the Licensing Authority (LA) on one of the above-mentioned licences. The QP status granted refers to that particular licence. Application to be named on another licence must be made to the Medicines Authoirty obo the LA and there may need to be reassessment at the discretion of the Authority granting or varying that licence.

Applications for next session of QP interviews

The Medicines Authority would like to inform interested parties that applications under the permanent and grandfather provisions for registration of QPs are now being accepted. Applications should be received by the 25th September 2004.

Following assessment of the applications received, applicants who appear to satisfy the requirements will be asked to attend an interview.

Applications will only be considered against a payment of Lm50 which is non-refundable. Payments should be made by cheque payable to the Medicines Authority.

Applications should be addressed to:
The Administrator
Inspection and Enforcement Directorate
Medicines Authority
BMW Building
198, Rue D'Argens
Gżira

The relevant application form can be found on the Medicines Authority website http://www.health.gov.mt/mru

An information session regarding issues relating to the QP activities will be held at the Medicines Authority on Wednesday 6th October. During this session you will have the opportunity to review the latest developments and clarify any pending issues. Your participation will be highly appreciated.

Dr P. Vella Bonanno
CEO Medicines Authority

5th October, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA
U TEKNOLOĠIJA

Reġistrazzjoni – It-Tieni Sejħa

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi jintlaqgħu applikazzjonijiet għal numru ta' postijiet fil-korsijiet hawn taħt imsemmija:–

MALTA

Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika

04/01/02	Ċertifikat Ewlieni ta' l-MCAST fl-Inġinerija Mekkanika
04/01/03	MCAST/BTEC *First Diploma in Mechanical Engineering*
04/01/13	Ċertifikat ta' Sengħa ta' Tellar

L-Istitut ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika

04/03/02	Ċertifikat fl-Istallazzjoni Elettrika taċ-C&G (2360)

L-Istitut ta' l-Inġinerija tal-Bini u l-Kostruzzjoni

04/04/01	Kors Bażiku fis-Sengħa tat-Tikħil
04/04/02	Kors Bażiku fil-Kostruzzjoni
04/04/03	Kors Bażiku fil-Ħiliet fl-Inġinerija Teknika u tal-Kostruzzjoni
04/04/04	Kors taċ-Ċertifikat fis-Sengħa tat-Tikħil u Dekorazzjoni
04/04/05	Kors taċ-Ċertifikat fil-Ħiliet tas-sena fil-Ġebla
04/04/06	Kors li jwassal għal ċertifikat ta' Rikonoxximent fil-Ħiliet fl-Inġinerija Teknika tal-Fabbrikazzjoni u Weldjar, Installazzjoni tas-Sistemi bil-Pajpijiet kemm Domestiċi u Industrijali, Xogħol bl-Injam
04/04/07	Kors ta' Ċertifikat fil-Ventilazzjoni ta' Arja Kiesħa/Sħuna u ArjaKundizzjonata C&G(6161)
04/04/10	MCAST/BTEC *First Diploma in Construction*
04/04/11	MCAST/BTEC *National Diploma in Construction*
04/04/12	Kors Bażiku fil-Ħiliet tal-Patrimonju fil-Ġebla
04/04/13	Kors ta' Ċertifikat fil-Ħiliet tal-Patrimonju fil-Ġebla (Sewwej)

L-Istitut tan-Negozju u l-Kummerċ

04/06/02	Ċertifikat fl-Istudji Amministrattivi u Segretarjali
04/06/08	Kors taċ-Ċertifikat tal-Matrikola

L-Istitut ta' L-Arti u Disinn

04/07/03	MCAST/BTEC *First Diploma in Art and Design*
04/07/04	MCAST/BTEC *National Certificate/Diploma in Design and Crafts*
04/07/05	Kors ta' l-MCAST: Aċċess għad-Dħul fil-*Foundation Diploma*
04/07/06	MCAST/BTEC *National Diploma in Foundation Studies in Art and Design*
04/07/07	MCAST/BTEC *Higher National Diploma/Certificate in Art and Design*

L-Istitut Marittimu

04/08/01	OIC Fizzjal Inkarigat fin-Navigazzjoni *Probationary Officer Cadet Course*

L-Istitut ta' l-Agrikummerċ

04/10/01	Ċertifikat Bażiku ta' l-MCAST fl-Agrikoltura
04/10/02	MCAST/BTEC *First Diploma in Agriculture*
04/10/03	MCAST/BTEC *National Diploma in Agriculture*

GOZO

04/06/02G	Ċertifikat fl-Istudji Amministrattivi u Segretarjali
04/05/03G	MCAST/BTEC *National Diploma for I.T Practitioners*
04/05/02G	MCAST/BTEC *First Diploma for I.T Practitioners*
04/01/03G	MCAST/BTEC *First Diploma in Mechanical Engineering*
04/03/02G	Ċertifikat fl-Istallazzjoni Elettrika taċ-C & G (2360)
04/06/01G	Diploma fis-Servizzi Finanzjarji
04/06/03G	Ċertifikat ta' l-MCAST fir-Retailing
04/06/07G	*Accounting Technician Certificate*
04/04/10G	MCAST/BTEC *First Diploma in Construction*
04/03/03G	MCAST/BTEC *First Diploma in Electronics*
04/09/04G	MCAST *Foundation Certificate in Care*
04/13410/01G	*Foundation Certificate Course*

Dati ta' meta jsiru l-applikazzjonijiet:

L-Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Ottubru u l-Ġimgħa, it-8 ta' Ottubru 2004 bejn it-8.30 am u n-12.30 pm.

Post:
Malta –
MCAST Main Campus,
it-Telgħa ta' Kordin, Paola

Għawdex –
MCAST Gozo Centre,
132, Triq it-Tiġrija, Xagħra

Il-persuna li tagħmel l-applikazzjoni tkun mitluba turi l-Karta ta' l-Identita' tiegħu/tagħha.

Studenti Għawdxin li jixtiequ japplikaw għall-korsijiet organizzati f'Malta jew Għawdex għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien mad-dokumenti meħtieġa, fiċ-Ċentru ta' Għawdex fl-istess ġranet bħall-istudenti Maltin.

Applikanti jistgħu jiddelegaw persuni oħra minflokom biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mill-applikant u akkumpanjata mid-dokumenti kollha meħtieġa.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE
AND TECHNOLOGY

Registration – Second Intake

The Malta College of Arts, Science and Technology notifies that applicationswill be received for the following courses:–

MALTA

Mechanical Engineering

04/01/02 MCAST First Certificate in Mechanical Engineering
04/01/03 MCAST/BTEC First Diploma in Mechanical Engineering
04/01/13 Craft Level Course in Panel Beating

Electronics Engineering

04/03/02 Electrical Installation C&G 2360

Building and Construction Engineering

04/04/01 Foundation Course in Trowel Trades
04/04/02 Foundation Course in Construction in Stone
04/04/03 Foundation Course in Construction Engineering Skills
04/04/04 Certificate in Painting and Decorating Plastering Tile Laying and Glazing
04/04/05 Certificate in Construction Masonry Skills
04/04/06 Craft Awards in Construction Engineering Skills
04/04/07 Certificate in Heating, Ventilation and Air-Conditioning C&G 6161
04/04/10 MCAST/BTEC First Diploma in Construction
04/04/11 MCAST/BTEC National Diploma in Construction
04/04/12 Foundation Course in Masonry Heritage Skills
04/04/13 Craft Certificate in Masonry Heritage Skills

Business and Commerce

04/06/02 Certificate in Administrative and Secretarial Studies
04/06/08 Matriculation Certificate Course

Art and Design

04/07/03 MCAST/BTEC First Diploma in Art and Design
04/07/04 MCAST/BTEC National Certificate/Diploma in Design Crafts
04/07/05 MCAST: Access Course to the Diploma in Foundation Studies in Art and Design
04/07/06 MCAST/BTEC National Diploma in Foundation Studies in Art and Design
04/07/07 MCAST/BTEC Higher National Diploma/Certificate in Art and Design

Maritime Institute

04/08/01 OIC Navigational Watch
Probationary Officer Cadet Course

Agribusiness Institute

04/10/01 Foundation Certificate in Agriculture
04/10/02 MCAST/BTEC First Diploma in Agriculture
04/10/03 MCAST/BTEC National Diploma in Agriculture

GOZO

04/06/02G	Certificate in Administrative and Secretarial Studies
04/05/03G	MCAST/BTEC National Diploma for I.T. Practitioners
04/05/02G	MCAST/BTEC First Diploma for I.T. Practitioners
04/01/03G	MCAST/BTEC First Diploma in Mechanical Engineering
04/03/02G	Certificate in Electrical Installation
04/06/01G	Diploma in Financial Services
04/06/03G	MCAST Certificate in Retailing
04/06/07G	Accounting Technician Certificate
04/04/10G	MCAST/BTEC First Diploma in Construction
04/13410/01G	Foundation Certificate Course
04/03/03G	MCAST/BTEC First Diploma in Electronics
04/09/04G	MCAST Foundation Certificate in Care

Date of application:

The applications will be received from Wednesday, 6th October to Friday 8th October, 2004 between 8.30 am and 12.30 pm.

Venue:
Malta –
MCAST Main Campus,
Corradino Hill, Paola

Gozo:
MCAST Gozo Centre,
132, Triq it-Tiġrija, Xagħra, Gozo

Theperson handing in the application will be asked to present her/his ID Card.

Students from Gozo who wish to apply for courses organised in Malta or Gozo should submit their application forms, together with the necessary documents, at the Gozo Centre on the same dates as Maltese students

Applicants may delegate another person to submit their application as long as the application is signed by the applicant and is accompanied by all the necessary documents.

5th October, 2004

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Riżultat għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, jgħarraf li r-riżultat ta' l-intervisti għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, il-Furjana u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Result for the Engagement on Contract in the Position of Technical Attaché at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Permanent Secretary, Ministry of Education, Youth and Employment notifies that the result of interviews for the above-mentioned post has been published and may be viewed on the notice-board of the Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

5th October, 2004

Oġġetti Misjuba u Kkonsenjati lill-Pulizija

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u konsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu April, Mejju u Ġunju, 2004.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
	MALTA	
16.04.04	*Mobile phone*	David Frank Allen
16.04.04	Ċurkett	Brenda Lilian Schranz
16.04.04	Ċurkett	Marvin Zammit
16.04.04	*Mobile phone*	Jonathan Muscat
16.04.04	Flus	Helen Power
16.04.04	Ġiżirana bil-pendent	Pierre Casha
23.04.04	Flus	Mary Anne Psaila
23.04.04	Kamera tar-ritratti	John Clayburn
30.04.04	*Vanity case* bit-*toiletries*	Emmanuel Felice
14.05.04	Flus/misluta	Nazzarena Attard
04.06.04	Ċurkett	John Folke Bondesson
04.06.04	Kamera tar-ritratti	Dieter-Warf Haas
04.06.04	Qmis	Anthony Belli
04.06.04	Flus	Rita Cutajar
18.06.04	Arloġġ ta' l-idejn	Joseph Izzo
18.06.04	Kamera tar-ritratti	Jurgen Banse
18.06.04	Arloġġ ta' l-idejn	Emmanuele Grech
18.06.04	Ċurkett	Mario Caruana
18.06.04	Flus	Dr Pierre Lofaro
18.06.04	Kamera tar-ritratti	Jason Briffa
18.06.04	Arloġġ ta' l-idejn	Alfred Farrugia
18.06.04	Kartiera/flus/*personal cards*	Hans-Dieter Willner
25.06.04	Arloġġ ta' l-idejn	Carmela Ciantar
25.06.04	Brazzuletta	Rosalia Camilleri
25.06.04	Brazzuletta	Maria Teresa Arena
25.06.04	Basket/ktieb	Maureen Valeria German
25.06.04	Brazzuletta	Jane Tilson
25.06.04	Arloġġ ta' l-idejn	Frederick Alan Yates
25.06.04	*Mobile phone*	Mario Caruana

Oġġetti Misjuba u Kkonsenjati lill-Pulizija

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u konsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu Lulju, Awissu u Settembru, 2004.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
02.07.04	Portmoni, flus, ċwievet, *keychain*	Egidio Charles John Borg
09.07.04	Bagalja tas-safar	Craig Anthony Michael Calenti
09.07.04	Tagħmir ta' l-għaddasa	Ġużeppi Agius
16.07.04	Flus	Victor Borg Grech
16.07.04	Katina bil-pendent	Rita Grech
16.07.04	*Mobile phone*	Joseph Buttigieg De Piro
16.07.04	Kartiera bil-flus	Edna Ashton
16.07.04	Kamera tar-ritratti	Joseph Camenzuli
16.07.04	Ċurkett	Maria Stella Abela
16.07.04	Kamera tar-ritratti	Antonella Bezzina
16.07.04	Flus	Nazarena Attard
30.07.04	Kamera tar-ritratti	Matthew Agius
30.07.04	Flus	Stephen Zammit
30.07.04	Arloġġ ta' l-idejn	Susan Frances Mompalao De Piro
30.07.04	Portmoni, flus, kuruna tar-rużarju, ritratt	Joseph Mifsud
30.07.04	*Pocket,* flus, *telecard, keychain* biċ-ċwievet	Margaret Gilson
13.08.04	Flus	Joseph Debrincat
13.08.04	Arloġġi ta' l-idejn	Joseph M. Pace
20.08.04	Ġakketta	Frederick Attard
20.08.04	Kartiera, flus, *credit card*	PS 321 Alan La Grasta Naxxar Police Station
27.08.04	Portmoni	Louis Micallef
27.08.04	Ħwejjeġ, kartieri, nuċċali tax-xemx, ċinturin	Hubert Grech
03.09.04	*Mobile phone*	Mary Zammit
03.09.04	Flus	Dolores Vella
03.09.04	Misluta	Stefan Frendo
03.09.04	Kamera tar-ritratti	Mark Anthony Mifsud
03.09.04	Kartiera, flus, *credit card, school card*	Glanville Bernardette
03.09.04	Brazzuletta	Concetta Mallia
10.09.04	Kamera tar-ritratti	Mauree Firth
17.09.04	Brazzuletta	Antoinette Testa
17.09.04	Brazzuletta	Carmelo Vella
17.09.04	Ċurkett	Marlene Musu
17.09.04	Basket li fih: Fliexken ta' l-ispirtu, *CD case* u *CD's, CD player,* karti tal-logħob, *umbrella, cans* tal-luminata	Anna Abela
24.09.04	Portmoni li fih: Maktur, kuruna tar-rużarju, flus u *badges* reliġjużi	Dlores Bray
24.09.04	Ġiżirana	Gaetano Hamsworth
24.09.04	Nuċċali tax-xemx	Veronica Mifsud
24.09.04	Brazzuletta	Antoinette Testa

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' offerti dipartimentali mogħtija mid-Dipartiment tal-Pulizija matul il-perijodu Lulju u Settembru 2004.

Offerta *Tender*	Nru. *No.*	Mogħtija lil *Awarded to*	Prezz *Price*	Data Mogħtija *Award date*
Airconditioning equipment	3/04	i. Frank Borda Ltd	Lm2,795	19.04.2004
		ii. C.A.S. Ltd	Lm928	19.04.2004
		iii. Cutajar (Inst) Ltd	Lm1,040	19.04.2004
Sale of dogs	4/04	Joseph Gauci	Lm10	13.07.2004
		Roc-A-Go Ltd	Lm7	13.07.2004
Video editing suite	5/04	DAB Electronica Co Ltd	Lm15,423	26.08.2004
Towing/Clamping services	6/04	MET Autocheck – Zones A & B		31.07.2004
		RMF Ltd – Zone C		31.07.2004
		MTC Ltd – Zone D		31.07.2004
		SBT Ltd – Zone E		31.07.2004
		Noel's Garage – Zone F		31.07.2004

Il-5 ta' Ottubru, 2004

POLICE DEPARTMENT

The following is a list of departmental tenders awarded by the Police Department during the period July and September 2004.

5th October, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Merit Award Scheme

Kummissjoni Elettorali
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

Riżultati ta' l-Elezzjoni

Il-persuni hawn taht imsemmija ġew eletti membri fuq il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (QAIAC),* kull wieħed jirrappreżenta l-kategoriji tiegħu.

Kategorija ta' *Clinical Chairman:*
Dott. Alfred Caruana Galizia

Kategorija ta' *Consultant:*
Dott. Terence Tilney

Kategorija ta' *Senior Registrar/PMO:*
Dott. James Pocock

L-imsemmija persuni jservu għal perjodu ta' sentejn.

Paul J. Saliba
Charles Messina

Kummissjoni Elettorali
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

L-1 ta' Ottubru, 2004

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Merit Award Scheme

Electoral Commission
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

Election Results

The following persons have been elected members on the Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (QAIAC), each representing his own category.

Category of Clinical Chairman:
Dr Alfred Caruana Galizia

Category of Consultant
Dr Terence Tilney

Category of Senior Registrar/PMO:
Dr James Pocock

The aforementioned persons will serve for a 2-year term.

Paul J. Saliba
Charles Messina

Electoral Commission
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

1st October, 2004

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti dipartimentali mogħtija mit-Taqsima tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul il-perijodu bejn l-1 ta' Settembru u t-30 ta' Settembru, 2004.

Natura ta' l-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Cimetidine 200mg tablets	Rodel Ltd. - Kappara obo Aegis Ltd
Right angled illuminated membrane pick	Holistic Technologies Ltd. - Fgura
Protective paste for use around ostomies	Convatec Ltd. - UK c/o Messrs. Ian Pace
Silicone watzke sleeves	Holistic Technologies Ltd. - Fgura
Self adhesive fabric sheets, 20cm x 10m	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Bandages wadding 7.5cm	Eurohealthcare Ltd. - Kappara
Myringotomy tubes	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Drug labels	Reactliab - St. Julians
Absorbent haemostatic gauze B.P. 5cm x 7cm	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
One-piece closed ostomy pouches 25mm	Convatec Ltd. - UK c/o Messrs. Ian Pace
Disposable surgical stapler	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Ergotamine compound tablets	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Wessex atrial venous cannulae	Calpac Traders Ltd. - Marsa
CSF catheter connector 'Y'	Techoline Ltd. - Gżira
Atenolol 100mg (Tenormin ®)	Associated Drug Co. Ltd. - Valletta
Neuro suction connection tubes	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Prolene W 8935	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Diathermy forceps and leads to fit storz vitrectome	Techoline Ltd. - Gżira
Sirolimus 1mg tablets	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Food preperation	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Glycopyroate 0.6mg injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Methylprednisolone aceponate 0.1% cream	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
(Human) chorionic gonadotrophin 1000 unit injections	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
Ringer lactate 1/2 strength in 5% dextrose IV infusion	Drugsales Ltd. - Lija
Propylthiouracil 50mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Mupirocin intranasal ointment	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Polyglactin braided synthetic absorbable suture	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Iron E folic acid tablets/capsules	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Isosorbide mononitrate sustained release 60mg tablets	Associated Drug Co. Ltd. - Valletta
Closed pouches with weld for filter	Convatec Ltd. - UK c/o Messrs. Ian Pace
Loop ostomy rods	Convatec Ltd. - UK c/o Messrs. Ian Pace
Sterile AV fistula self activating dressings	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Double lumen catheters for haemodialysis	Drugsales Ltd. - Lija
Procyclidine hydrochloride 10mg injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Sulindac 200mg tablets	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Cotton wool 30g	Drugsales Ltd. - Lija
Monofilament polypropylene G2/0	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Fluticasone propionate 50mcg inhaler	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Food preperation	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Sterile amnihooks	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Pulp trays	Techoline Ltd. - Gżira

HEALTH DIVISION

List of departmental tenders awarded by the Government Pharmaceutical Services Section during the period between 1st September and 30th September, 2004.

Natura ta' l-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
R-Typhi and R-Conorii E.I.A. kits	Cherubino Ltd. - Gżira
Sucralfate 1g tablets	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Amitryptyline 10mg/5ml syrup	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Carbidopa 50mg & levodopa 200mg CR tabs	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Bethamethasone valerate 0.1% cream x 100g	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
P.T.A. catheters	Charles De Giorgio Ltd. - Valletta
Fluoroscope drape	E.J. Busuttil Ltd. - Birkirkara
Sterile scalpel blades size 15 with handle	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Trifluoperazine oral liquid	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Mefloquine 250mg tablets	Interpharma Co. Ltd. - St. Julians
Quinine sulphate 300mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Phototheraphy eye protector - Item A	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Phototheraphy eye protector - Item B	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Bupivacaine hydrochloride 0.25% injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Gall bladder T-Tubes	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Priming sets for haemodialysis	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Helical stone extractor with flexible tip	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Itraconazole solution	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Propantheline bromide 15mg tablets	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Chloroquine phosphate 250mg tablets	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Hyoscine butyl bromide injections 20mg	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Bicalutamide 50mg tablets	Associated Drug Co. Ltd. - Valletta
Monofilament polypropylene suture W742	A.M. Mangion Ltd. - Luqa

Il-5 ta' Ottubru, 2004

5th October, 2004

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Rikonoxximent ta' Koperattivi bħala Għaqdiet ta' Produtturi

Ngħarrfu b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-Direttur ta' l-Agrikoltura bid-dispożizzjoni mogħtija lilu mill-Att IX tal-2004 Artikolu 12.2 fl-10 ta' Settembru, 2004 irrikonoxxa "Koperattiva Agrikola/Għaqda tal-Produtturi tal-Ħaxix u Frott Frisk Għawdxija Gozitano Ltd" bħala Għaqda tal-Produtturi bl-indirizz uffiċjali "Gozitano", Triq l-Imġarr, ix-Xewkija, Għawdex, Malta. Din l-Għaqda tal-Produtturi ġiet reġistrata fir-Reġistru Nazzjonali ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-kategorija (i) Frott u Ħaxix skond ir-regolament 3 (a) tar-Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi (2004) (Avviż Legali Nru. 63 ta' l-2004).

Il-5 ta' Ottubru, 2004

MINISTRY OF RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Recognition of Cooperatives as Producers' Organisations

It is hereby notified for general information that in accordance with Act IX of 2002 Article 12.2 the Director of Agriculture has on the 10th September, 2004 recognised "Koperattiva Agrikola/Għaqda tal-Produtturi tal-Ħaxix u Frott Frisk Għawdxija Gozitano Ltd" as a Producer Organisation with official address at "Gozitano", Triq l-Imġarr, Xewkija, Gozo, Malta. This Producer Organisation was registered in the National Register of Producer Organisations within category (i) Fruit and Vegetables in accordance with Regulation 3 (a) of the Fruit and Vegetable Producer Organisations Regulations (2004) (L.N. 63 of 2004).

5th October, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 212/2004. Provvista ta' *strips* biex ikejlu l-glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 232/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *starter batteries* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-12 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 213/2004. *Desktop services – Malta Information Technology Training Services.* Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (60 Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 218/2004. Provvista ta' kapsoli *cyclosporin 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 225/2004. Bini ta' *maisonettes, terraced house* u garaxxijiet taħt l-art fuq *Plots* 4 u 5, Triq il-Kastellan, iż-Żejtun – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 226/2004. Provvista ta' *straight/angled radio focus guide wire* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 227/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *altracurium besylate 25mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 228/2004. Provvista ta' pilloli *carbamazepine 400mg CR* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 231/2004. Provvista u stallazzjoni ta' *goods/passenger lift* għall-*Backstage,* 81, Triq Zekka, Valletta – Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th October, 2004, for:

CT 212/2004. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

CT 232/2004. Period contract for the supply of starter batteries to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 12th October, 2004, for:

CT 213/2004. Desktop services – Malta Information Technology Training Services. A fee of Lm25 (60 Euros) will be charged for each copy of tender document.

CT 218/2004. Supply of cyclosporin 100mg capsules - Department of Health.

CT 225/2004. Construction of maisonettes, terraced house and basement garages on Plots 4 and 5, Triq il-Kastellan, Żejtun – Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th October, 2004, for:

CT 226/2004. Supply of straight/angled radio focus guide wire – Department of Health.

CT 227/2004. Supply of altracurium besylate 25mg injections – Department of Health.

CT 228/2004. Supply of carbamazepine 400mg CR tablets – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th October, 2004, for:

CT 231/2004. Supply and installation of goods/passenger lift for Bacstage, 81, Triq Zekka, Valletta – Manoel Theatre. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-21 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 233/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *noradrenaline acid tartrat 2mg/ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 234/2004. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 50mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 235/2004. Provvista ta' pilloli *calcium carbonate 420mg* u *glycine 180mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 236/2004. Provvista ta' pilloli *trimetazidine dichlorohydrate 20mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 237/2004. Provvista ta' pilloli *calcium folinate 15mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 238/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *carboplatin 150mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 239/2004. Provvista ta' *reagents for variant* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 240/2004. Provvista ta' pilloli *cefuroxime axetil 250mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 241/2004. Provvista ta' *prednisone 30mg suppositories* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 243/2004. Provvista ta' pilloli *amiodarone hyrochloride 200mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 244/2004. Provvista ta' *zinc and castor oil cream/ointment* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 245/2004. Provvista ta' qtar ta' l-għajnen *timolol maleate 0.5%* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 246/2004. Provvista ta' pilloli *pyridostigmine bromide 60mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 247/2004. Manifattura, provvista u konsenja ta' għamara tal-laboratorju u għamara oħra għall-Iskola Primarja f'Tas-Sliema, Tas-Sliema - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 248/2004. Provvista ta' pilloli *sodium clodronate 400mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 21st October, 2004, for:

CT 233/2004. Supply of noradrenaline acid tartrat 2mg/ml injections - Department of Health.

CT 234/2004. Supply of sodium valproate 50mg tablets - Department of Health.

CT 235/2004. Supply of calcium carbonate 420mg and glycine 180mg tablets - Department of Health.

CT 236/2004. Supply of trimetazidine dichlorohydrate 20mg tablets - Department of Health.

CT 237/2004. Supply of calcium folinate 15mg tablets - Department of Health.

CT 238/2004. Supply of carboplatin 150mg injections - Department of Health.

CT 239/2004. Supply of reagents for variant - Department of Health.

CT 240/2004. Supply of cefuroxime axetil 250mg tablets - Department of Health.

CT 241/2004. Supply of prednisone 30mg suppositories - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th October, 2004, for:

CT 243/2004. Supply of amiodarone hyrochloride 200mg tablets – Department of Health.

CT 244/2004. Supply of zinc and castor oil cream/ointment – Department of Health.

CT 245/2004. Supply of timolol maleate 0.5% eye drops – Department of Health.

CT 246/2004. Supply of pyridostigmine bromide 60mg tablets – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th October, 2004, for:

CT 247/2004. Manufacture, supply and delivery of laboratory and other furniture to the Sliema Primary School, Sliema - Education Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 248/2004. Supply of sodium clodronate 400mg tablets - Department of Health.

CT 249/2004. Provvista ta' *bandages zinc oxide elastic adhesive 7.5cm X 4.5cm* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-4 ta' Novembru, 2004, għal:

CT 250/2004. Provvista ta' *gauze swabs* 45cm x 45cm *Xray detectable* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 251/2004. Provvista ta' injezzjonjiet *synthetic salmon calcitonin (salcatonin) 100 unit* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 252/2004. Provvista ta' *dressing pads 20 x 10 cm* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 253/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *midazolam 5mg/5ml* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 254/2004. Provvista ta' *budesonide nebuliseer suspension 1mg 2ml ampoules* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 255/2004. Provvista ta' bajd (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 256/2004. Provvista ta' *ICT equipment* – Aġenzija Appoġġ. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Novembru, 2004, għal:

CT 229/2004. Provvista ta' *coagulation reagents with equipment on loan* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 230/2004. Provvista ta' pilloli/kapsoli *losartan potassium 25mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 257/2004. Provvista ta' kapsoli *nifedipine 10mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 258/2004. Provvista ta' ħwejjeġ – Dipartiment tas-Saħħa.

Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Novembru, 2004, għal:

CT 264/2004. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Blokki 1-7 fi Triq it-Tuffieħ, in-Naxxar (Sgħajtar) – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 249/2004. Supply of bandages zinc oxide elastic adhesive 7.5cm X 4.5cm - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th November, 2004, for:

CT 250/2004. Supply of gauze swabs 45cm x 45cm Xray detectable – Department of Health.

CT 251/2004. Supply of synthetic salmon calcitonin (salcatonin) 100 unit injections – Department of Health.

CT 252/2004. Supply of dressing pads 20 x 10cm – Department of Health.

CT 253/2004. Supply of midazolam 5mg/5ml injections – Department of Health.

CT 254/2004. Supply of budesonide nebuliser suspension 1mg 2ml ampoules – Department of Health.

CT 255/2004. Supply of eggs (Malta) – Department of Health.

CT 256/2004. Supply of ICT equipment – Appoġġ Agency. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th November, 2004, for:

CT 229/2004. Supply of coagulation reagents with equipment on loan – Department of Health.

CT 230/2004. Supply of losartan potassium 25mg tablets/capsules – Department of Health.

CT 257/2004. Supply of nifedipine 10mg capsules – Department of Health.

CT 258/2004. Supply of clothing – Department of Health.

A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 11th November, 2004, for:

CT 264/2004. Installation of lifts at Blocks 1-7 in Triq it-Tuffieħ, Naxxar (Sgħajtar) – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 265/2004. Stallazzjoni ta' żewġ (2) *passenger lifts* fi Blokki A5-A6, Pembroke – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull opja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 266/2004. Xogħlijiet ta' alterazzjoni u tkomplija fid-*Donors Area* l-ġdida fin-*National Blood Transfusion Centre,* l-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull opja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Novembru, 2004, għal:

CT 242/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *cefuroxime 750mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

CT 265/2004. Installation of two (2) passenger lifts at Blocks A5-A6, Pembroke – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 266/2004. Alteration and finishing works at the new Donors Area at the National Blood Transfusion Centre, St Luke's Hospital – Department of Health. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th November, 2004, for:

CT 242/2004. Supply of cefuroxime 750mg injections – Department of Health.

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

5th October, 2004

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

5th October, 2004

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sa l-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, is-7 ta' Ottubru, 2004.

Avviż Nru. 188. Għotja b'ċens għall-perjodu ta' disgħa u disgħin (99) sena tal-proprjetà kif eżistenti fix-Xatt ta' Ta' Xbiex, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D.6_2004.

Min jieħu l-offerta jrid iħallas is-somma ta' ħames miljuni u ħames mitt elf Lira Maltija (Lm5,500,000.00) kif indikat fl-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 189. Bejgħ ta' sit fl-Imrieħel, limiti ta' Birkirkara, muri bil-vjola u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta P.D.JO_4_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 190. Bejgħ ta' Appartament Nru. 4 f'Nru. 131, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà, inkluż il-kwart indiviż tal-partijiet komuni ta' l-istess Blokk, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_43_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,500.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 191. Bejgħ tal-Fond Nru. 6, Triq Nestu Laiviera, il-Birgu, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_20_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 192. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju ta' tlieta u sebgħin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm0.73,2) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu ta' disgħa u disgħin (99) sena li beda fit-3 ta' Marzu, 1920, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tas-sit fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. JO–40_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 193. Bejgħ ta' sit fuq wara tad-Dar bl-isem ta' "Shannon House", Triq Claire E. Engel, San Ġiljan, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 2 fuq pjanta P.D.192_2001_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 7th October, 2004.

Advt. No. 188. Grant on temporary emphyteusis for a period of ninety nine (99) years of the property as existing, in Ta' Xbiex Sea Front, shown edged in red on plan P.D.6_2004.

Il-Kuntratt hu għal perjodu ta' sena bil-possibilità li jiġi mġedded.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill Lokali għall-ħlas ta' Lm10.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżatt wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Ottubru, 2004, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Santa Luċija jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 57/04/02. Ġbir ta' skart.

Il-kuntratturi prospettivi jkunu meħtieġa li jipprovdu servizz komplet ta' ġbir ta' skart bieb bieb, kif ukoll jipprovdi numru ta' *bins-on-wheels*. Id-dettalji kollha jinsabu fid-dokument ta' l-offerti.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill, 5/6, Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel lis-Segretarju Eżekuttiv fuq 21 666600.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender document.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relevant conditions may be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo, during normal office hours.

5th October, 2004

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that sealed tenders will be received in the tender box by not later than noon of Thursday, 14th October 2004, for:-

Advt. No. 07-04/05. Resurfacing of streets in Għarb with hot rolled asphalt.

The Contract is for a one year period with the possibility of renewal.

Tender documents may be collected from the Local Councils Administrative Offices against a payment of Lm10.

Tenders will be opened in public exactly after closing time.

The Council reserves the right to refuse all offers even the most advantageous.

5th October, 2004

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Santa Luċija Local Council's office and deposited in the tender box by noon of Tuesday, 19th October, 2004, for:-

Advt. No. 57/04/02. Refuse collection.

Prospective contractors shall be required to provide an all inclusive service which shall include door to door collection and the provision of bins-on-wheels. Full requirements are specified in the tender documents.

A fee of Lm20 is to be paid for every copy of tender document.

Tender documents can be obtained from the Council's office, 5/6, Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija, during office hours from Monday to Friday.

For further details one can contact the Executive Secretary on 21 666600.

The Council reserves the right of refusing even the most advantageous offer.

5th October, 2004

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-11 ta' Ottubru 2004, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 03/2004. Marki tat-toroq.

Għandu jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 04/2004. Tindif u tisbiħ ta' żoni u toroq urbani, żoni u toroq mhux urbani u nħawi fil-beraħ li jinsabu fil-konfini tal-Kunsill Lokali Pembroke, liema offerta tinkludi:-

Parti A - Tindif, tneħħija u qtugħ ta' ħaxix f'*soft areas*

Parti B - Qtugħ ta' ħaxix, knis u tindif ta' żoni u toroq urbani

Parti Ċ - Qtugħ ta' ħaxix, knis u tindif ta' żoni u toroq mhux urbani

Għandu jithallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 06/2004. Ġbir ta' skart goff.

Għandu jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 07/2004. Kisi ta' triq.

Għandu jithallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 01/2004. Tindif ta' l-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Kwot. Nru. 02/2004. Aperturi ta' l-injam.

Kwot. Nru. 03/2004. Tindif ta' sit f'Pembroke.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anki l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jikkunsidra pożittivament kuntratturi li joffru l-aħjar offerta għall-partijiet kollha tal-kuntratt riferenza 04/2004, għalkemm jirriserva d-dritt li l-kuntratt ma jingħatax kollu lill-kumpanija waħda iżda jinqasam bejn diversi kumpaniji.

Il-5 ta' Ottubru, 2004

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Monday, 11th October, 2004, for:-

Advt. No. 03/2004. Road markings.

A fee of Lm20 should be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 04/2004. Cleaning and embellishment of urban, non urban and open areas within Pembroke boundaries, which tender includes:-

Part A - Cleaning, clearing and grass cutting soft areas

Part B - Weeding, sweeping and clearing urban roads

Part C - Weeding, sweeping and clearing non urban roads.

A fee of Lm50 shoud be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 06/2004. Collection of bulky refuse.

A fee of Lm20 should be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 07/2004. Road resurfacing.

A fee of Lm25 should be paid for every copy of tender document.

Quot. No. 01/2004. Cleaning of the Council's Administrative offices.

Quot. No. 02/2004. Timber apertures.

Quot. No. 03/2004. Clearing of site at Pembroke.

Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours. Tenders will be opened in public after the closing time stipulated. The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender or part there of, even the most advantageous.

Pembroke Local Council will consider favourable contractors who offer the best conditions for all parts of tender reference 04/2004, but reserves the right to award part thereof to different contractors.

5th October, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1346

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Mejju 2004, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt miġjuba tiġi notifikata lill-intimati, bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' Jannar 2004.

Lil: Charles u martu Rita Micallef

Alfred, li għandu n-numru tal-Karta ta' l-Identità 581651(M) u martu Marlene Williams li għandha n-numru tal-karta ta' l-Identità 462348(M), jagħmlu referenza għall-iskrittura ta' lokazzjoni datata disgħa (9) ta' Awissu 2000, tal-fond adebit bħala ħanut li jġib in-numru sebgħa (7) A, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Isla, senjatament għall-klawsola numru ħamsa (5) li tagħti d-dritt lill-mittenti illi jtemmu l-kirja fil-każ ta' morożità fil-ħlas tal-kera b'ammont ekwivalenti għal żewġ skadenzi jew aktar u tibqgħu hekk morużi għall-żmien tletin (30) ġurnata mid-data li fiha tkunu ġejtu interpellati b'ittra reġistrata mill-mittenti sabiex tersqu għal ħlas.

Illi permezz ta' ittra reġistrata datata 26 ta' Novembru 2003, intom ġejtu interpellati mill-mittenti tħallsu s-somma ta' tlett mitt liri Maltin (Lm300) rappreżentanti kera għall-iskadenzi tad-9 ta' Awissu 2001, 9 ta' Awissu 2002 u 9 ta' Awissu 2003 bir-rata pattwita ta' mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena bil-quddiem.

Illi stante l-inadempjenza tagħkom fit-terminu konvenut, cioè fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data li fiha ġejtu interpellati mill-mittenti bl-imsemmija ittra reġistrata sabiex tersqu għall-ħlas, il-mittenti sejrin jinqdew bil-ftehim hawn fuq imsemmi u cioè jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jtemmu l-kirja.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda tintalab ai termini ta' artikolu 1569(2) tal-Kap XVI.

Intimati: 1. 37, 'Chalrit House', Triq San Lawrenz, Ħaż-Żabbar.
2. 37, 'Chalrit House', Triq San Lawrenz, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) 28 ta' Settembru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 5th May 2004, ordered that the respondents be notified with the judicial letter hereunder reproduced by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd January 2004.

To: Charles and his wife Rita Micallef

Alfred, having Identity Card number 581651(M) and his wife Marlene Williams having Identity card number 462348(M), refer to the lease agreement dated ninth (9) August 2000, of the premises used as a shop which bears the number seven (7) A, War Victims Street, Senglea, and especially to clause number five (5) which gives the right to the interpellants to terminate the lease in case of delay in the payment of rent in an amount equivalent to two installments or more and remain so in delay for a period of thirty (30) days from the date from which they are called upon by a registered letter by the interpellants to come forward for payment.

That in virtue of a registered letter dated 26th November 2003, you were called by the interpellants to pay the sum of three hundred Maltese liri (Lm300) representing rent for the periods, 9th August 2001, 9th August 2002 and 9th August 2003, at the agreed rate of one hundred Maltese liri (Lm100) per annum in advance.

That if you fail within the agreed time, that is within thirty (30) days from the day you were called upon by the interpellants in virtue of the said registered letter to come forward for payment, the interpellants shall abide by the agreement above mentioned and exercise their right to terminate the lease.

This judicial letter is being sent in terms of article 1569 (2) of Chapter XVI.

Respondents: 1) 37, 'Chalrit House', St. Lawrence Street, Żabbar.
2) 37, 'Chalrit House', St. Lawrence Street, Żabbar.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 28th September 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1347

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-1 ta' April 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Mobisle Communications Limited ta' Triq Fra Diego, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Novembru 2002, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anton Abela ta' Sciand, Triq il-Germanja, Naxxar, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mitejn u sitt liri Maltin u erbatax-il ċentesmu (Lm1206.14) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attriċi.

Bl-ispejjes u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2851/02JR) hija differita għad-19 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 1st April 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chap 12).

Mobisle Communications Limited of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 29th November 2002 whereby they asked the Tribunal to condemn Anton Abela of Sciand, Triq il-Germanja, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of one thousand two hundred and six Maltese liri and fourteen cents (Lm1206.14) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 2851/02JR) is put off to the 19th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1348

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Ġunju 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113) ta' The Brewery, Imriehel, ippreżentaw Talba fil-21 ta' Mejju 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jason Briffa ta' Desert Rose Cafeteria, Islets Promenade, Buġibba, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disa' mija u hames liri Maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm905.76) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1095/04 PBC) hija differita għall-15 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th June 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113) of The Brewery, Mriehel, filed a claim on the 21st May 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Jason Briffa of Desert Rose Cafeteria, Islets Promenade, Buġibba to pay the plaintiff company the sum of nine hundred and five Maltese liri and seventy six cents (Lm905.76) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 1095/04PBC) is put off to the 15th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1349

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Settembru 2004, Ċitazz numru 1730/97, Martin Portelli et vs Rebecca Portelli et, ordnat illi Corinne Camilleri għan-nom ta' l-attur assenti tiġi notifikata bl-Avviż tas-smiegħ permezz tal-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża fl-ismijiet Martin Portelli u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2003 Corinne Camilleri ġiet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża għan-nom u fl-interess ta' l-attur assenti vs Rebecca Portelli, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, l-Avukat Dott. Gordon T. Cutajar u l-P.L. Davina E. Sullivan li b'digriet ta' l-20 ta' Awissu 1997 kienu nominat kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-minuri Tara Jade Portelli u b'digriet tas-17 ta' Frar 2003 Dott. Renzo Porsella Flores ġie nominat kuratur deputat tal-minuri Tara Jade Portelli in sostituzzjoni ta' Dott. Gordon T. Cutajar, il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għal nhar it-Tlieta, tnax (12) ta' Ottubru 2004 fl-10.00 a.m.

Notifika: Corinne Camilleri, 190, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 30 ta' Settembru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 27 September 2004, Writ of Summons number 1730/97, Martin Portelli et vs Rebecca Portelli et, ordered that Corinne Camilleri on behalf of the absent plaintiff be notified with the Notice of hearing by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written proceedings in the cause in the names Martin Portelli and by decree of the 16th June 2003 Corinne Camilleri was authorized to continue the proceedings on behalf and in the interest of the absent plaintiff vs Rebecca Portelli, the Director of Public Registry, Advocate Dr Gordon T. Cutajar and L.P. Davina E. Sullivan who by decree of the 20th August 1997 were appointed deputy curators to represent the minor Tara Jade Portelli and by decree of the 17th February 2003 Dr Renzo Porsella Flores was appointed deputy curator of the minor Tara Jade Portelli in substitution of Dr Gordon T. Cutajar, the cause was appointed for hearing to Tuesday, twelfth (12) of October 2004 at 10.00 a.m.

Notify: Corinne Camilleri, 190, Main Street, Żabbar.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 30th September 2004.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1350

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Marzu 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Joseph Fenech eżerċenti l-kummerċ fl-isem 'Ambassador Hotel', Shipwrech Promenade, Xemxija, ippreżenta Talba fit-18 ta' Lulju 2001, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Micro Travel & Tourism Limited ta' 57, Triq Għajn Rasul, San Pawl il-Baħar SPB 09, iħallsu lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm428.75) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Talba Numru 537/01PBC) hija differita għall-15 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 25th March 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Joseph Fenech carrying on trade in the name 'Ambassador Hotel' of Shipwreck Promenade, Xemxija, filed a Claim on the 18th July 2001 whereby he asked the Tribunal to condemn Micro Travel & Tourism Limited of 57, Triq Għajn Rasul, St Paul's Bay SPB09, to pay the plaintiff the sum of four hundred and twenty eight Maltese liri and seventy five cents (Lm428.75) which amount is due to the plaintiff.

With costs.

The cause (Claim Number 537/01PBC) is put off to the 15th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1351

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' April 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-30 ta' Ġunju 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Paul Joseph Borg ta' Dorsen, PO Box 20, San Ġiljan, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm207.78) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjes u bl-imgħax.

Not: Paul Joseph Borg ta' Princess Ann, Triq Ball, San Ġiljan

Il-kawża (Talba Numru 1292/03 PBC) hija differita għat-8 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 2nd April 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 30th June 2003 whereby they asked the Tribunal to condemn Paul Joseph Borg of Dorsen PO Box 20, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of two hundered and seven Maltese liri and seventy eight cents (Lm207.78) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

Not: Paul Joseph Borg of Princess Ann, Triq Ball, St Julians.

The cause (Claim Number 1292/03PBC) is put off to the 8th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1352

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Mejju 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-22 ta' Settembru 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sean Fitz ta' 'St Pet', Flat 8 B, Triq San Pietru, Sliema jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett mija u tlieta u erbgħajn lira Maltija u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm343.73) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1844/03PBC) hija differita għall-15 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 31st May 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 22nd September 2003, whereby they asked the Tribunal to condemn Sean Fitz of 'St Pet', Flat 8B, Triq San Pietru, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and forty three Maltese liri and seventy three cents (Lm343.73) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 1844/03PBC) is put off on the 15th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1353

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Lulju 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited ta' Triq l-Imsida, Birkirkara, ippreżentaw Talba fil-15 ta' April 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christopher Borg ta' 16, St Mary, Mosta Road, San Pawl il-Baħar iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u tmintax-il lira Maltija u sitta u tmenin ċentesmu (Lm818.86) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 821/04 JB) hija differita għall-11 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th July 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited of Triq l-Imsida, Birkirkara, filed a Claim on the 15th April 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Christopher Borg of 16, St Mary, Mosta Road, St Paul's Bay to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and eighteen Maltese liri and eighty six cents (Lm818.86) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 821/04JB) is put off for the 11th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1354

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' April 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Ġunju 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alfred Farrugia ta' 110, Flat 3, St Joseph Street, Valletta, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u tlieta u sittin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm563.88) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1289/03JB) hija differita għall-11 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Settembru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 19th April 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 30th June 2003 whereby they asked the Tribunal to condemn Alfred Farrugia of 110, Flat 3, St Joseph Street, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and sixty three Maltese liri and eighty eight cents (Lm563.88) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 1289/03JB) is put off to the 11th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1355

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fl-20 ta' Settembru, 2004 fuq rikors ta' FOGG INSURANCE AGENCIES LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GALEA STEPHEN.

1. Magna tal-ħasil, Fridge Freezer u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, il-Ħamis, it-23 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 20th September, 2004 on the application of FOGG INSURANCE AGENCIES LTD., Tuesday, 23rd November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of GALEA STEPHEN.

1. Washing machine, Fridge Freezer and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 23rd September, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1356

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fl-20 ta' Settembru, 2004 fuq rikors ta' EXECUTIVE SERVICES LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BIANCHI MOBILI LTD.

1. Bureau, Television u affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, il-Ħamis, it-23 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 20th September, 2004 on the application of EXECUTIVE SERVICES LTD., Tuesday, 23rd November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of BIANCHI MOBILI LTD.

1. Bureau, Television set and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 23rd September, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1357

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fl-20 ta' Settembru, 2004 fuq rikors ta' ASSOCIATED SUPPLIES LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FALZON NICHOLAS U THE PRODUCTION HOUSE LTD.

1. 2 CD players, DVD, 2 Televisions u affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (MALTA), illum, il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 20th September, 2004 on the application of ASSOCIATED SUPPLIES LTD., Tuesday, 26th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of FALZON NICHOLAS AND THE PRODUCTION HOUSE LTD.

1. 2 CD players, DVD, 2 television sets and other similar items.

Registry of the Magistrates Courts (MALTA), this Friday, 1st October, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1358

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie iffissat il-jum tal-Ħamis 25 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-3 ta' Ġunju, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-villa b'numru 36, jisimha "Villa Alfano", fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija, bil-ġonna u artijiet tagħha, tal-kejl superficcjali ta' 2060.96 metri kwadri, stmata li tiswa Lm840000.00c0.

L-imsemmi fond hu propjetà ta' Alfano Company Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Alan Saliba fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-5 ta' Ottubru, 2000.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th June, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday 25th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 3rd June, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Villa numbered 36, known as "Villa Alfano", Annibale Preca Street, Lija, with all its gardens and lands, measuring superficially 2060.96 square metres, valued at Lm840000.00c0.

The said tenement is the property of Alfano Company Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Alan Saliba A&CE on the 5th October, 2000.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1359

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Home Loans (Malta) Limited ġie iffissat il-jum tal- Ħamis 25 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' April, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament markat bin-numru 17, formanti parti minn blokk ta' appartamenti magħruf bħala 'La Valletta Court', f'Qawra Point, Qawra, San Pawl il-Baħar, stmata li tiswa Lm120,000.00c0.

L-imsemmi fond hu propjetà ta' Saviour u Paula konjugi Casha.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-15 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th June, 2004 on the application of HSBC Home Loans (Malta) Limited; Thursday 25th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th April, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Flat internally marked 17, forming part of a block of apartment known as 'La Valletta Court', in Qawra Point, Qawra, St. Paul's Bay, valued at Lm120,000.00c0.

The said tenement is the property of Saviour and Paula spouses Casha.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Valerio Schembri A&CE on the 15th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1360

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie iffissat il-jum tal-Ħamis 25 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-14 ta' Awissu, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond cioè dar bil-garaxx sottostanti fi stat ta' ġebel u saqaf bin-numru 23, magħrufa bħala 'Tal-Masrija', fi Triq ta' Masrija, Mellieħa, kif soġġett għaċ-ċens annwu ta' Lm37.00c0, stmata li tiswa Lm70,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Charles u Theresa miżżewġin Bartolo.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Andrew Ellul fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-22 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th June, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday 25th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 14th August, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Shell-form house and underlying garage number 23, known as 'Tal-Masrija', in Triq ta' Masrija, Mellieħa, being subject to the annual ground-rent of Lm37.00c0, valued at Lm70,000.00c0.

The said property belongs to Charles and Theresa spouses Bartolo.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Andrew Ellul A&CE on the 22nd June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1361

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fl-20 ta' Settembru, 2004 fuq rikors ta' XUEREB GEORGE ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BEN MILEND JOSETTE.

1. Vettura Kia Schuma Reg. No. JOS-666.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, il-Ħamis, it-23 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 20th September, 2004 on the application of XUEREB GEORGE, Tuesday, 23rd November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of BEN MILEND JOSETTE.

1. Motor vehicle Kia Schuma Reg. No. JOS-666.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 23rd September, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1362

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie iffissat il-jum tat-Tlieta 16 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar bin-numru 135, magħrufa bħala 'El Shaddai', fi Triq Victor Vassallo, Misraħ Kola, Ħ'Attard, kif soġġett għaċ-Ċens annwu u perpetwu ta' Lm26.00c0, stmata li tiswa Lm170,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Martin u Ludgarda miżżewġin Zammit.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Rene Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-16 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 17th June, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Tuesday 16th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 8th May, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement number 135, known as 'El Shaddai', in Victor Vassallo Street, Misraħ Kola, Attard, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm26.00c0, valued at Lm170,000.00c0.

The said property belongs to Martin and Ludgarda spouses Zammit.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Rene Buttigieg A&CE on the 16th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1363

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' Portelli & Pisani Limited ġie iffissat il-jum tat-Tlieta 16 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Frar, 2004, li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar bin-numri 31, 32 u 33, magħrufa bħala 'St. Joseph', fi Triq Dun Pawl Micallef, ir-Rabat, Għawdex, stmata li tiswa Lm85,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Manuel u Maureen miżżewġin Balzan.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Guido Vella fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 17th June, 2004 on the application of Portelli & Pisani Limited; Tuesday 16th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th February, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement numbered 31, 32 and 33, known as 'St. Joseph', in Dun Pawl Micallef Street, Victoria, Gozo, valued at Lm85,000.00c0.

The said property belongs to Manuel u Maureen spouses Balzan.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Guido Vella A&CE on the 17th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1364

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' Sisco Company Limited ġie iffissat il-jum tat-Tlieta 16 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-8 ta' Ottubru, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar magħrufa bħala 'Grace House', fi Triq Mons. A. Buhagiar kantuniera ma' Triq Pierre Muscat, ir-Rabat, Malta, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm150.00c0, stmata li tiswa Lm70,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Nazzareno u Maria Grazia sive Grace miżżewġin Borg.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Rene Buttigieg fir-relazzjoni tieghu maħlufa fis-16 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 17th June, 2004 on the application of Sisco Company Limited; Tuesday 16th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 8th October, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement known as 'Grace House', in Mons. A Buhagiar Street, cornered with Pierre Muscat Street, Rabat, Malta, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm150.00c0, valued at Lm70,000.00c0.

The said property belongs to Nazzaareno and Maria Grazia sive Grace spouses Borg.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Rene Buttigieg A&CE on the 16th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1365

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fl-20 ta' Settembru, 2004 fuq rikors ta' SPITERI EMANUEL ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 12 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MCM ALUMINIUM.

1. Fax machine, 3 *computers* u 3 *printers, profile projector* u affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-Erbgħa, it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 20th September, 2004 on the application of SPITERI EMANUEL, Tuesday, 12th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of MCM ALUMINIUM.

1. Fax machine, 3 computers complete with 3 printers, profile projector and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 22nd September, 2004.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*